**Q O R T I   C I V I L I**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 7 ta' Dicembru 2017**

Rikors Guramentat Nru.  183 / 16RGM

Kawza fil-lista:  16

**Z X**
**vs**
**T R**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni flimkien li minnha nhar it-30 ta' Ottubru 2005 twieled il-minuri L R X;

2. Illi r-relazzjoni tal-partijiet sfaxxat fix-xejn wara li l-intimat, b'konsegwenza ta' certi vizzjijiet li ghandu, kien fizikament u emozjonalment vjolenti mar-rikorrenti u fil-fatt kien hemm anke okkazjonijiet fejn huwa anki heddidha bil-mewt u dan kif ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza;

3. Illi minkejja diversi tentattivi ghall-ftehim amikevoli, u anke diversi digrieti moghtija minn din l-Onorabbli Qorti li kienu jirregolaw l-access u l-manteniment dovut ghall-minuri, minhabba intransigenza tal-intimat, il-partijiet qatt ma waslu ghall-kompromess, tant li l-esponenti ma kellhiex ghazla ohra ghajr li tintavola l-proceduri odjerni;

4. Illi l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi bir-rikors guramentat permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti, datat 27 ta' Gunju 2016;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri L f'idejn ir-rikorrenti, b'dana illi d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straodinarja u cioe' dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno ta' passaport, jittiehdu esklussivament minnha minghajr htiega tal-firma tal-intimat;

2. Tiffissa granet u hinijiet ta' access f'liema l-intimat ghandu jara lill-minuri taht is-Supervizjoni tal-Agenzija Appogg u dan fl-ahjar interess tal-minuri;

3. Tillikwida u tiffissa manteniment ghall-minuri u dan sakemm l-istess jaghlaq it-tmintax-il sena jekk jiddeciedi li jieqaf mill-istudji tieghu u jibda jahdem fuq bazi full time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk jiddeciedi li jkompli bl-istudji tieghu fuq bazi full time u konsegwentement tordna lill-intimat sabiex ihallas il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-istess minuri;

4. Tordna li l-imsemmi manteniment jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;

5. Tillikwida l-ammont ta' kumpens f'arretrati ta' manteniment li l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti fir-rigward tal-ispejjez ghat-trobbija tal-minuri mid-data tat-twelid tieghu u cioe' mit-30 ta' Ottubru 2005 sakemm inghatat l-ewwel ordni ta' manteniment minn din l-Onorabbli Qorti, fl-atti tal-medjazzjoni;

6. Taghti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri, fosthom izda mhux limitatament dwar kif ghandu jigi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet edukattivi ohra u extra-kurrikulari u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament l-esponenti jinforma lil dina l-Onorabbli Qorti, illi l-mertu tal-kawza de quo huwa wkoll mertu ta' kawza separata fl-ismijiet inversi ossija 'T R vs Z X', (Rikors guramentat numru: 184/2016) liema kawza tinsab appuntata ghas-smiegh quddiem dina l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta, ghal 15 ta' Novembru, 2016. Ghaldaqstant ghal finijiet ta' spedjenza jista' jkun jaghmel sens illi dawn iz-zewg kawzi jistemghu kontestwalment;

2. Illi fit-tieni lok u fil-mertu, l-esponenti jissolleva s-segwenti fatti:

i. Illi l-partijiet flimkien mal-minuri ghamlu snin twal jirrisjedu taht l-istess saqaf fir-residenza ta' omm l-esponenti u cioe' Yvonne R;

ii. Illi tul dawn is-snin, l-esponenti kien jaghti kontribut konsiderevoli lejn it-trobbija tal-minuri, fatti illi konvenjentament ma jissemmiex fir-rikors guramentat promotur, fejn tinghata l-impressjoni zbaljata illi l-esponenti ilu dawn l-ahhar ghaxar snin kwazi kwazi jigi jaqa' u jqum mill-minuri;

iii. Illi jinghad ukoll illi hekk kif ir-relazzjoni bejn il-partijiet spiccat, l-attrici bdiet taghmilha impossibli illi l-esponenti jara lil ibnu. Aghar minn hekk, hafna drabi meta l-esponenti kien jezercita l-access, kien jinqala hafna argumenti u glied u b'hekk l-esponenti beda jaqta' qalbu li jara lil ibnu fil-paci;

iv. Illi madanakollu, l-esponenti ghamel zmien twil jikkontribwixxi €200 fix-xahar bhala manteniment u dan minghajr ma kien hemm il-htiega ta' digriet illi jordnalu jaghmel dan;

v. Illi jinghad ukoll, illi meta l-attrici ippersistiet illi ccahhad lil minuri minn missieru l-esponenti, huwa vera illi huwa ghamel zmien ma jhallasx manteniment;

vi. Illi kien l-esponenti illi fil-fatt beda dawn il-proceduri ghax jixtieq jistabbilixxi relazzjoni propja ta' missier ma' ibnu, haga li r-rikorrenti trid iccahhdu minnha, ikunu x'ikun il-prezz;

3. Illi stabbilliti dawn il fatti, l-esponenti jiddikjara illi rigward l-ewwel talba attrici, huwa jaqbel illi l-kura u kustodja tkun fdata lill-attrici, b'dan illi decizjonijiet importanti u ta' natura straordinarja jittiehdu konguntivament;

4. Illi riferibbilment ghat-tieni talba attrici, l-esponent assolutament ma jaqbilx illi huwa ghandu jara lill-minuri taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg u dana stante illi m'hemm l-ebda raguni valida sabiex dina t-talba tigi milqugha.

Certament tali talba certament m'huwiex fl-ahjar interess tal-minuri izda hija biss rizultat ta' pika sabiex ir-rikorrenti tibqa' izomm kontroll fuq ir-relazzjoni tal-minuri ma' missieru anka waqt il-hin tal-access;

5. Illi riferibbilment ghat-tielet talba attrici, l-esponenti diga gie ordnat ihallas manteniment ta' mitejn ewro fix-xahar u huwa jaqbel ma' dina l-likwidazzjoni;

6. Illi riferibbilmrent ghar-raba talba attrici, l-esponenti m'ghandu l-ebda oggezzjoni;

7. Illi riferibbilment ghal-hames talba attrici, l-esponenti joggezzjona bil-qawwa kollha ghal dina t-talba, partikolarment peress huwa fil-fatt ta hafna kontribut kemm finanzjarju u anki xorta ohra ghat-trobbija tal-minuri, apparti l-fatt illi kienet l-attrici illi temmet kull kuntatt bejn il-missier u l-minuri u dan wassal ghas-sitwazzjoni prezenti.

8. Inoltre tali talba hija ghal kollox nieqsa minn kull fundament guridiku u ghandha tigi michuda;

9. Illi riferibbilment ghas-sitt talba l-esponenti m'ghandu l-ebda oggezzjoni;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-Digriet taghha moghti waqt l-udjenza tas-17 ta' Novembru 2016 fejn ikkjamat quddiemha l-kawza bin-numru 184/2016/AL fl-ismijiet inversi ***T R vs Z X*** u ordnat il-konnessjoni taz-zewg kawzi kif ukoll l-allegazzjoni ta' l-atti tal-medjazzjonijiet li kien hemm precedentement bejn il-partijiet;

Rat id-Digriet moghti minn din il-Qorti diversament preseduta fl-20 ta' April 2016 fl-atti tal-medjazzjoni Ittra Numru 1777/15, fejn il-konvenut gie ordnat ihallas is-somma ta' €200 kull erba' gimghat bhala manteniment ghall-minuri, oltre nofs l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni tieghu;

Rat id-Digriet taghha stess moghti fis-16 ta' Frar 2017 fejn wara li l-konvenut obbliga ruhu li jibda jottempora ruhu mad-digriet tal-manteniment *pendente lite*, ordnatu jhallas l-ewwel pagament fl-20 ta' Frar 2017 b'dan li l-arretrati tal-manteniment jigu saldati fi zmien tliet xhur;

Rat id-Digriet moghti minn dina l-Qorti diversament preseduta fit-30 ta' April 2016 fl-atti tal-medjazzjoni Ittra Numru 1777/15, fejn il-konvenut inghata access ghall-minuri darba fil-gimgha li ma tkunx nhar ta' Tnejn jew nhar ta' Erbgha, ghal

saghtejn, taht supervizjoni tas-social workers tal-Agenzija Appogg izda barra l-bini ta' l-istess Agenzija.

Rat id-Digriet taghha moghti wkoll fl-udjenza tas-17 ta' Novembru 2016, fejn ordnat illi l-access tal-konvenut ghall-minuri jkompli jigi ezercitat taht supervizjoni ta' l-Agenzija Appogg nhar ta' Sibt bejn it-3.30 p.m. u l-5.30 p.m.;

Rat ukoll id-Digriet moghti mill-Qorti diversament preseduta fl-atti tal-medjazzjoni Ittra Numru 1777/15 fit-13 ta' Settembru 2017 fejn wara n-nota tal-Agenzija Appogg datat 21 ta' Lulju 2017, l-access tal-missier ghall-minuri skond it-termini tad-Digriet tat-30 ta' April 2016 gie mwaqqaf u l-missier gie ordnat jara lill-minuri darba fix-xahar fir-residenza ta' l-omm.

Rat id-Digriet taghha tal-11 ta' Mejju 2017 fejn innominat a spejjez taz-zewg partijiet lill-Psikologa Klinika Carmen Sammut sabiex tipprepara rapport psikologiku dwar iz-zewg genituri u l-minuri, u taghmel rakkomondazzjonijiet lill-Qorti fl-ahjar interess tal-minuri.

Rat ukoll illi b'Digriet moghti waqt l-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2017, l-access tal-missier ghall-minuri gie sospiz;

Rat illi waqt l-istess udjenza tal-11 ta' Ottubru 2017, filwaqt li awtorizzat lill-attrici thallas sehem il-konvenut mill-ispejjez peritali, iddikjarat l-istadju tal-provi maghluq u l-partijiet inghataw zmien xahar sabiex jinfurmaw jekk waslux ghal ftehim bonarju u f'kaz affermattiv jipprezentaw l-abbozz u fin-nuqqas tinghata sentenza;

Rat ukoll illi minkejja d-digriet moghti waqt l-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2017 il-partijiet baqghu ma gharrfux lill-Qorti jekk waslux ghal ftehim bonarju;

Rat ir-Rapport Peritali pprezentat mill-Psikologa Klinika Carmen Sammut fis-17 ta' Settembru 2017;

Rat in-nota guramentata pprezentata mill-attrici fit-23 ta' Ottubru 2017 skond kif awtorizzata waqt l-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2017 u rat illi l-konvenut, minkejja li nghata terminu ta' gimghatejn biex jipprezenta nota responsiva, baqa' ma ressaq ebda nota;

Rat id-digrieti l-ohra kollha taghha u dawk li nghataw fl-atti tal-medjazzjoni bejn il-partijiet;

Rat l-atti u x-xhieda kollha;

Semghet il-provi bil-gurament;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**<u>Provi</u>**

Jigi osservat qabel xejn illi l-partijiet ma xehdux f'din il-kawza u l-Qorti qieghda ghalhekk sprovvista mill-verzjonijiet taghhom dwar il-mertu tat-talbiet li ghamlu fil-kawzi rispettivi taghhom. Il-Qorti ghandha quddiemha biss ir-rapport peritali pprezentat mill-esperta psikologa Carmen Sammut, ix-xhieda ta' Kirsty Xuereb, id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet fir-rikors promotur u r-risposta relattiva, u d-diversi rikorsi u risposti pprezentati fl-atti ta' din il-kawza u waqt il-medjazzjoni, u minn dawn l-atti sejra tislet il-konkluzjonijiet taghha biex tiddeciedi dwar it-talbiet li ghandha quddiemha.

Fl-udjenza tal-11 ta' Mejju 2017 xehdet Kirsty Xuereb, *case officer* ma' l-Agenzija Appogg inkarigata bl-access tal-konvenut ghall-minuri, li spjegat illi l-konvenut kien konsistenti fl-access tieghu. Dan l-access kien qed jigi ezercitat darba fil-gimgha ghal saghtejn kull darba, barra mill-bini ta' l-Agenzija u l-konvenut qatt ma falla fl-attendenza tieghu ghal dawn il-laqghat. Fissret ukoll kif, ghalkemm il-konvenut jipprova jikkomunika mal-minuri, l-istess minuri ma deherx komdu jew kunfidenti fil-prezenza ta' missieru u skond ix-xhud, hemm lok ghal titjieb fir-relazzjoni bejn il-missier u l-minuri. In kontro-ezami xehdet dwar episodju meta waqt wahda mil-laqghat ta' l-access, il-konvenut tkellem mal-minuri fuq suggett mhux xieraq, liema diskors jidher li qanqal thassib da parti ta' l-attrici dwar l-access ghall-minuri.

Dwar manteniment, il-Qorti tinnota illi fl-atti tal-medjazzjoni bejn il-partijiet bl-Ittra Numru 1777/15, l-attrici pprezentat kopja ta' *payslip* relattivament ghall-impieg korrenti taghha (Dok. A) li jindika li fix-xahar, hija tircevi <u>f'idejha</u> salarju fis-somma ta' cirka €1,080. Fil-prospett guramentat[1] ta' l-ispejjez li tinkorri l-attrici riferibbilment ghall-minuri, l-attrici ddikjarat li thallas is-somma komplessiva ta' €544.05 fix-xahar fi spejjez relatati mal-minuri, u qalet li thallas ukoll is-somma ta' cirka €200 kull tliet xhur fi spejjez ta' skola, edukazzjoni u attivitajiet estra-kurrikulari tal-minuri.

Il-konvenut baqa' ma kkontestax dawn l-ispejjez izda pprezenta formola FS3 ghas-sena 2015 rigward l-introjtu mill-impieg tieghu (Dok. RM2) li minnu

[1] Ipprezentat fl-atti tal-medjazzjoni Ittra Numru 1777/15, fit-30 ta' Ottubru 2016.

jirrizulta li in linea ta' salarju jircevi f'idejh is-somma ta' cirka €8,750 fis-sena ossia €714 fix-xahar.

L-attrici pprezentat ukoll nota guramentata fit-23 ta' Ottubru 2017 bi prospett ta' l-arretrati tal-manteniment dovuti mill-konvenut sa minn Mejju 2016 u li ma thallsux sad-data tan-nota, liema arretrati jilhqu s-somma komplessiva ta' €1,800. L-attrici tikkonferma f'din in-nota illi fis-sena korrenti, sad-data ta' l-imsemmija nota hija hallset is-somma totali ta' €432.38 fi spejjez edukattivi tal-minuri u ghalhekk, a tenur tad-digriet *pendente lite* ta' l-20 April 2016, sehem il-konvenut minn dawn l-ispejjez huwa ta' €216.19.

Finalment, l-attrici pprezentat skambju ta' korrispondenza flimkien man-nota taghha tat-23 ta' Ottubru 2017, li permezz resqet il-prova illi l-hlas ta' sehem il-konvenut mill-ispejjez tar-rapport preliminari tal-Psikologa Carmen Sammut, fis-somma ta' €150, sar mill-istess attrici skond kif awtorizzata waqt l-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2017.

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' din il-kawza, l-attrici qieghda titlob, in sostanza, li tigi fdata bil-kura u kustodja esklussiva ta' bin il-minuri tal-partijiet, L R X, u d-dritt li tiehu wahedha d-decizjonijiet kollha rigward il-minuri, u li jigi stabbilit dritt ta' access ghall-minuri, taht supervizjoni, a favur il-konvenut. L-attrici titlob ukoll li tigi ffissata dik ir-retta alimentari li ghandu jhallas il-konvenut in linea ta' manteniment ghall-istess minuri u li l-konvenut jigi kkundannat ammont likwidat in linea ta' spejjez ghat-trobbija tal-minuri sa mit-twelid tieghu.

Il-konvenut jaqbel illi l-attrici ghandha tinghata l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri b'dan illi decizjonijiet importanti u ta' natura straordinarja, jittiehdu konguntivament; jaqbel ukoll illi jhallas is-somma ta' €200 kull erba' gimghat kif likwidat *pendente lite* bid-digriet ta' l-20 ta' April 2016 izda ma jaqbilx mat-talba ghall-likwidazzjoni ta' arretrati ta' spejjez ghat-trobbija tal-minuri, u joggezzjona wkoll li l-access tieghu ghal ibnu jkompli jigi ezercitat taht supervizjoni.

**Kura u Kustodja, u Access ghall-Minuri**

Ghalkemm hawn non si tratta ta' koppja mizzewga li qed tissepara, huwa rilevanti dak li jipprovdi **Artikolu 56 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta intitolat "*Hsieb tal-Ulied wara il-Firda*":-

"*(1) Meta taghti s-sentenza tal-firda, il-Qorti ghandha tordna wkoll lil liema wahda mill-partijiet ghandha tigi fdata il-kustodja tat-tfal u l-konsiderazzjoni ewlenija tkun il-gid tal-ulied.*

*(2) Il-Qorti tista', jekk tqis li dawk il-mizuri jkunu tassew mehtiega, u wara li tqis ic-cirkostanzi kollha rilevanti, tordna li l-ulied jitqieghdu taht il-kustodja ta' persuna in loco parentis, ta' terzi jew f'xorta ohra ta' kura.*

*(3) Il-Qorti tista' taghti dawk l-ordnijiet fis-sentenza tal-firda, ghalkemm fl-azzjoni ghaliha ma tkun saret l-ebda talba, dwar il-kustodja tal-ulied.*

*(4) Il-Qorti tista', f'kull zmien, tirrevoka jew tbiddel dawk l-ordnijiet dwar l-ulied, meta l-interessi tal-ulied hekk jitolbu.*

*(5) Il-Qorti tista' barra dan, meta c-cirkostanzi hekk jehtiegu, tistabbilixxi li xi hadd mill-genituri jew it-tnejn ikunu michuda mill-jeddijiet tal-awtorita' tal-genituri ghal kollox jew f'parti.*"

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Scott Schembri vs Dorianne Polidano*** deciza fit-30 ta' April 2015[2], il-pozizzjoni legali korretta u stabilita fil-gurisprudenza f'kazijiet ta' determinazzjoni ta' kura u kutodja tal-minuri u modalita' ta' access favur il-minuri, giet deskritta bil-mod segwenti:-

"*In tema legali issir riferenza ghas-sentenza moghtija fit-3 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet **Miriam Cauchi vs Francis Gauci** fejn il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi fejn il-genituri ma jitkellmux talba ghall-kustodja kongunta ghandha tigi skartata mill-Qorti. Din il-Qorti filwaqt li tiddikjara li taqbel ma' tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri m'humiex kapaci jitkellmu b'mod civili ma' xulxin li l-kura u kustodja ma ghandhiex tkun kongunta ghaliex immankabilment tkun sors ta' litigji ulterjuri b'detriment serju ghall-benessere tal-minuri.*

*Fis-sentenza appena citata l-Qorti tal-Appell iddikjarat hekk: "Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda l-obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtiegilha jkollha kuntatt ma' omma u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htiegijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma il-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabbilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibli.*"

Ikkunsidrat;

Permezz ta' nota pprezentata fil-21 ta' Lulju 2017, l-Agenzija Appogg, filwaqt li kkonfermat dak li qalet ix-xhud Kirsty Xuereb fid-depozizzjoni taghha quddiem il-Qorti, tenniet li l-konvenut kien qed jaghmel mill-ahjar biex jikkomunika mal-minuri u jtejjeb ir-relazzjoni benjiethom. Madanakollu, l-Agenzija infurmat illi sussegwentement, l-istess minuri beda jirrifjuta li jattendi ghall-access ma'

[2] Qorti Civili [Sezzjoni tal-Familja]

missieru u l-access twaqqaf fit-8 ta' Lulju 2017 wara li l-minuri ddecieda li ma jridx joqghod iktar ghall-access. Skont l-Agenzija, il-konvenut iddecieda li jkun inutili li jkompli ghaddej l-access fid-dawl tar-riluttanza tal-minuri, u gharraf illi minflok ikun hemm ftehim ma' l-attrici li jkollu access ghal ibnu darba fix-xahar fil-prezenza ta' l-attrici.

Illi din il-verzjoni ta' fatti giet ikkonfermata mill-attrici permezz ta' risposta pprezentata fl-14 ta' Awwissu 2017, u wasslet ghad-digriet moghti fl-atti tal-medjazzjoni minn din il-Qorti diversament preseduta fit-13 ta' Settembru 2017 li ordna li l-konvenut jara lill-minuri darba fix-xahar fir-residenza ta' l-attrici.

Ghalkemm l-partijiet baqghu ma aggornawx lill-Qorti bl-andament ta' l-access tal-konvenut ghall-minuri in segwitu ghall-ftehim li jidher li gie milhuq bejn il-partijiet u li gie kkonfermat mill-imsemmi digriet tat-13 ta' Settembru 2017, u ghalhekk mhux maghruf jekk in effetti, l-access tal-konvenut qattx gie ezercitat fil-presenza ta' l-omm, il-Qorti tosserva illi sadanittant l-esperta Psikologa Carmen Sammut, in adempiment ta' l-inkarigu lilha moghti, kienet qed tiltaqa' ma' l-attrici u mal-minuri u fil-kaz tal-konvenut, tipprova tikkomunika mieghu, sabiex thejji r-rapport psikologiku taghha.

F'kull kaz pero`, mill-atti jirrizulta illi r-relazzjoni bejn il-konvenut u ibnu l-minuri hija, fl-ahjar ipotesi, pjuttost batuta. Billi l-partijiet ma xehdux, il-Qorti ma tantx ghandha sfond dwar il-kuntatt bejn il-konvenut u l-minuri wara li r-relazzjoni bejn il-genituri sfaxxat, u l-uniku ambjent li ghall-finijiet ta' din il-kawza, jirrizulta li fih gie ezercitat l-access tal-konvenut, kien taht is-supervizjoni tas-social workers fi hdan l-Agenzija Appogg wara d-digrieti moghtija fl-atti tal-medjazzjoni u ta' din il-kawza. Ghalkemm il-konvenut jghid illi sa tliet snin qabel giet intavolata din il-kawza huwa kien jara lil ibnu kuljum u l-access gie mwaqqaf mill-attrici bla spjegazzjoni ta' xejn, din il-verzjoni tal-konvenut ma hi sorretta minn ebda provi. Fuq kollox, il-konvenut ma offra ebda spjegazzjoni ghaliex huwa dam tliet snin qabel talab l-intervent tal-qorti biex jerga' jkollu access ghal ibnu.

Filwaqt li jirrizulta li fil-bidu li beda jigi ezercitat l-access taht supervizjoni, il-konvenut kien konsistenti fl-ezercizzju ta' l-access tieghu ghall-minuri u pprova jibni relazzjoni mieghu, il-minuri qatt ma deher li kien komdu ma' missieru. Ir-ragunijiet ghal dan in-nuqqas ta' kunfidenza da parti tal-minuri li jibni relazzjoni ma' missieru m'humiex immedjatament cari peress illi, kif inghad, il-partijiet ma xehdux fil-kawza, izda l-Qorti hadet konjizzjoni ta' l-osservazzjonijiet maghmula mill-esperta psikologika fir-rapport preliminari dwar il-percezzjoni tal-minuri dwar missieru l-konvenut. Skond ir-rapport psikologiku, il-komportament erratiku, immatur u mhux affidabbli tal-konvenut fil-konfront ta' ibnu, jidher li

holoq ansjeta` u nuqqas ta' kunfidenza fil-minuri li, skond l-esperta psikologa, x'aktarx incida negattivament fuq il-formazzjoni tar-relazzjoni bejniethom.

Kuntrarjament ghal dak li jallega l-konvenut fir-risposta guramentata tieghu, ma jirrizultax lill-Qorti li d-diffikoltajiet fir-relazzjoni bejn il-konvenut u l-minuri huma dovuti lil xi pika da parti ta' l-attrici jew li l-attrici cahhdet lill-konvenut milli jkollu access ghal ibnu. Oltre li ma tressqu ebda provi in sostenn ta' din il-verzjoni, ma hemmx prova li l-attrici qatt ma naqset milli tiehu l-minuri ghall-access taht supervizjoni, anzi jirrizulta li qablet li l-konvenut jibda jara lil ibnu fir-residenza taghha biex tiffacilita l-access fid-dawl tar-reticenza tal-minuri li jibqa' jattendi ghall-access supervizjonat.

Sfortunatament, jirrizulta li l-minuri baqa' juri nuqqas evidenti ta' rieda li jiltaqa' ma' missieru u, fin-nuqqas ta' provi kuntrarji, din il-pozizzjoni jidher li giet milqugha mill-konvenut mhux biss billi qata' qalbu milli jattendi iktar ghall-access supervizjonat, izda billi abdika b'mod assolut mill-kuntatt ma' u responsabbilita` lejn il-minuri. Wara l-access tat-8 ta' Lulju 2017, il-konvenut ma attendiex imqar ghal sessjoni wahda ma' l-esperta psikologa minkejja diversi tenattivi li ghamlet biex tikkomunika mieghu u tiffissa appuntamenti mieghu. Lanqas wera, skond l-esperta psikologa, ebda interess biex jaghmel appuntament u addirittura ma attendiex minghajr preavviz ghat-tieni u l-ahhar appuntament li kien gie ffissat ghall-finijiet tar-rapport ordnat mill-Qorti.

Dan l-atteggjament tal-konvenut jikkuntrasta palezement mal-konsistenza u sforz li kien jaghmel waqt l-ewwel xhur ta' l-ezercizzju ta' l-access taht supervizjoni biex jibni rapport ma' ibnu, skond kif gie rapportat mill-Agenzija Appogg. Madanakollu, ir-rapport preliminari peritali huwa inekwivoku illi l-pozizzjoni li jidher li ha l-konvenut vis-à-vis ibnu, ossia karenza palezi ta' interess fil-minuri, ma jawgura ebda gid ghal formazzjoni ta' xi sura ta' relazzjoni sana bejn il-konvenut u ibnu.

Fid-dawl tad-diffikoltajiet riskontrati fl-ezercizzju ta' l-access senjatament ir-rifjut tal-minuri li jiltaqa' ma' missieru, il-Qorti fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2017 issospendiet l-access tal-missier ghall-minuri. Minn dakinhar 'l hawn, ma jirrizultax illi l-konvenut ghamel xi tentattiv biex ikollu access ghal ibnu.

L-esperta psikologa Carmen Sammut kienet cara fir-rapport taghha illi ma huwiex fl-ahjar interess tal-minuri lill-konvenut jezercita access ghalih <u>qabel l-istess konvenut jinghata opportunita` li jattendi ghal laqghat professjonali ta' terapija biex jghinuh jimmatura u jifhem ahjar ir-rwol tieghu ta' missier responsabbli lejn ibnu</u>. Il-Qorti tifhem illi din it-terapija, filwaqt li tkun tghin lill-konvenut jimmatura fir-responsabbilitajiet paterni tieghu, hija wkoll l-uniku mod kif il-konvenut jista' jinstawra f'ibnu dik is-sigurta` emozzjonali u psikolgika li huwa

tant nieqes f'dan il-kaz. Hekk biss jista' jerga' jigi stabbilit kuntatt bejn il-missier u l-minuri u l-gheruq ghall-formazzjoni ta' relazzjoni soda.

Il-minuri jghix ma' ommu kif del resto ilu jidher li jaghmel ghal dawn l-ahhar snin u ma ngabet ebda prova kwalsiasi li turi li hemm xi diffikoltajiet. Fic-cirkostanzi huwa eskluz kull ipotesi illi l-kura u kustodja tal-minuri tista' tkun fdata liz-zewg genituri konguntivament, kif talab il-konvenut fir-rikors guramentat tieghu fil-kawza Rikors 184/2016 konnessa ma' din il-kawza: ma jidhrix li l-partijiet ghandhom rapport bejniethom jew jikkomunikaw b'xi mod rigward il-minuri, tant illi biex tithallas il-manteniment l-attrici trid tirrikorri ghall-azzjoni kriminali filwaqt li tghid ukoll li l-konvenut ghadu lanqas hallas sehmu mill-ispejjez edukattivi tal-minuri f'din l-ahhar sena[3].

<u>Izda iktar impellenti minn dan huwa n-nuqqas assolut ta' xi forma ta' kuntatt bejn il-konvenut u ibnu, tant illi l-minuri ma jridx jiltaqa' mieghu iktar</u>. F'dan ix-xenarju huwa difficli, jekk mhux impossibbli, tirravviza kif l-affidament konguntiv tal-kura u kustodja tal-minuri jista' jkun prattikabbli u funzjonabbli, ahseb u ara fl-ahjar interess tal-minuri. F'kull kaz, il-konvenut jaqbel fir-risposta guramentata tieghu f'din il-kawza, illi l-kura u kustodja tal-minuri jkun fdata lill-attrici izda jrid illi d-decizjonijiet importanti u ta' natura straordinarja dwar il-minuri jittiehdu konguntivament.

Il-Qorti tqis ghalhekk illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi l-kura u kustodja ordinarja tal-minuri tigi fdata lil ommu b'mod esklussiv u illi l-minuri jibqa' joqghod ma' l-attrici. Fic-cirkostanzi, hija wkoll il-fehma tal-Qorti li jezistu, talanqas f'dan l-istadju, l-estremi sabiex il-missier jigi eskluz ukoll mid-decizjonijiet fil-konfront ta' ibnu li jirrigwardaw l-edukazzjoni, izda mhux ukoll dwar sahha u safar.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri tkun esklussivament f'idejn l-omm billi tiehu wahedha dawk id-decizjonijiet ordinarji u straordinarji rigward l-edukazzjoni tal-minuri u attivitajiet estra-kurrikulari, kif ukoll decizjonijiet ordinarji dwar sahha tal-minuri. Il-konvenut ghandu d-dritt f'kull kaz li jircievi t-taghrif kollu dwer l-edukazzjoni tal-minuri. Madanakollu, decizjonijiet straordinarji li jirrigwardaw is-sahha tal-minuri, kif ukoll decizjonijiet dwar safar tal-minuri ghandhom jittiehdu flimkien miz-zewg genituri. Fin-nuqqas ta' ftehim isir rikors lill-Qorti.

Il-Qorti m'hijiex b'daqshekk sejra twaqqaf b'mod permanenti kull kuntatt bejn il-missier u l-minuri izda tqis li dan ma jistax isehh jekk qabel il-konvenut ma jurix ir-rieda li jixtieq li jerga' jistabbilixxi kuntatt ma' ibnu, kif ukoll illi jkun lest li

[3] Nota guramentata pprezentata mill-attrici fit-23 ta' Ottubru 2017.

jsegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Perita Psikologa Carmen Sammut fir-rapport taghha, liema rakkomandazzjonijiet il-Qorti qieghda tabbraccja u tadottahom fl-intier taghhom. Fl-eventwalita` li l-missier ikun lest li jipprocedi f'din id-direzzjoni huwa ghandu qabel xejn jattendi ghal terapija li ghandu jwassal ghall-eventwali ezercizzju ta' access ghall-minuri, kif irrakkomandat l-esperta psikologa Carmen Sammut fir-rapport taghha.

Ghal dan il-fini il-Qorti tappunta lill-psikologa Carmen Sammut (jew psikologu iehor nominat mill-Qorti f'kaz jirrizulta li Carmen Sammut ma tistax jew ma tkunx f'pozizzjoni li tadempixxi dan l-inkarigu), sabiex a spejjez tal-konvenut, izzomm sessjonijiet ta' terapija ghall-konvenut bil-modalita` u frekwenza li tistabblixxi l-Psikologa. L-iskop ta' tali ezercizzju huwa biex iwassal ghal sitwazzjoni fejn il-konvenut jezercita access ghal ibnu kemm-il darba jsir rikors fuq rakkomandazzjoni ta' l-istess esperta psikologa li jkun sar bizzejjed zvilupp fil-maturita` tal-konvenut bhala missier, sabiex ir-relazzjoni ma' ibnu tista' tibda tkun influwenza pozittiva ghall-minuri.

**<u>Manteniment tal-Minuri</u>**

F'dan il-kaz tallum, il-partijiet, genituri tal-minuri, m'humiex mizzewgin lil xulxin. Dwar l-obbligi ta' manteniment tal-ulied ta' genituri li ma jghixux flimkien, japplikaw l-istess regoli, sew jekk il-genituri huma mizzewgin lil xulxin, sewwasew jekk m'humiex mizzewgin. Issir ghalhekk referenza ghall-provvedimenti legali fil-Kodici Civili li jipprovdu dwar il-manteniment tal-ulied f'kas ta' firda tal-genituri mizzewgin:-

**<u>Artikolu 54 tal-Kapitolu 16</u>..**

…
*(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f'kas ta' firda, jigi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-mizzewgin, il-hila taghhom li jahdmu u l-bzonnijit taghhom, u ghandhom jitqiesu ukoll ic-cirkostanzi l-ohra kollha tal-mizzewgin u tal-ulied, imkluz dan li gej:*

*(a) il-bzonnijiet tal-ulied, wara li jkunu tqiesu ic-cirkostanzi kollha taghhom;*
*(b) xi dizabilita', kif imfissra fl-Att dwar l-Opportunitajiet Indaqs ghal Persuni b'Dizabilita', kemm jekk hija fizika jew mentali;*

*(c) cirkostanzi ta' mard li tant ikunu serji u gravi li jikkompromettu l-kapacita' tal-mizzewgin jew ta' l-ulied li jmantnu lilhom infushom;*
….

*(e) kull qligh jew beneficcju li l-mizzewgin, jew min minnhom, jircevu skont il-ligi, minbarra kull ghanuna socjali li mhix kontributorja lit kun qed tithallas lilhom taht l-Att dwar is-Sigurta' Socjali;*

*…*

*(f) il-htigijiet ghall-akkomodazzjoni tal-mizzewgin u tal-ulied;*

*(4) Il-Qorti fl-ghoti tal-manteniment tista' tipprovdi ukoll ghall-mod ta' kif dan jista' jawmenta minn zmien ghal zmien.*

Il-Qrati taghna kostantament irritenew illi l-quantun tal-manteniment tal-minuri pagabbli mill-genitur li mghandux il-kustodja tal-minuri, jigi stabbilit wara apprezzament li l-Qorti trid taghmel tal-fatti migjuba quddiemha fid-dawl tal-provvedimenti legali appena citati.

Fil-kawza fl-ismijiet ***Angela Conti vs Lawrence Bonnici*** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Frar 2015 ntqal hekk:-

"*Wiehed l-ewwelnett jifhem li f'ezercizzju bhal dak li taghmel il-Qorti meta tiffissa hlas ta' manteniment l-istess Qorti tkun qed taghmel apprezzament tal-fatti li jkollha quddiemha u mbaghad skond l-artikoli fuq imsemmija tal-Kodici Civili tasal ghall-konkluzzjoni taghha dwar x'ghandu jkun l-ammont gust li jithallas.*"

Il-Qorti tqis illi l-konvenut ghandu jhallas manteniment lill-attrici ghall-minuri. Il-konvenut jaccetta li jhallas dak il-manteniment fissat *pendente lite* fid-digriet moghti fl-20 ta' April 2016, cioe` s-somma ta' mitejn Euro (€200) kull erba' gimghat, oltre nofs l-ispejjez straordinarji ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri.

Minhabba li ma jidhrix li hemm rapport bejn iz-zewg genituri, u minhabba li jidher li l-konvenut qieghed jonqos konsistentement milli jhallas sehmu ta' l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri kif ordnat fl-imsemmi digriet moghti *pendente lite*, il-Qorti hija tal-fehma li jkun ahjar li tistabbilixxi somma wahda bhala manteniment ghall-minuri li tkun tigbor fiha wkoll il-kontribuzzjoni tal-konvenut ghall-ispejjez kollha ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri, ghajr ghal spejjez straordinarji konnessi mas-sahha tal-minuri.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li qieset ic-cirkostanzi kollha relevanti, inkluz l-introjtu rispettiv tal-partijiet, il-prospett ta' l-ispejjez ordinarji li l-attrici tonfoq ghall-minuri u d-dikjarazzjoni guramentata taghha li f'ghaxar xhur hija nefqet is-somma ta' €432.38 fi spejjez edukattivi tal-minuri, tqis illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' mitejn u hamsin Euro (€250) fix-xahar, liema somma tinkludi spejjez kollha ta' edukazzjoni u spejjez ordinarji ta' sahha u medicina tal-minuri, b'dan illi l-manteniment pagabbli sal-lum ghandu jibqa' regolat bid-digriet *pendente lite* ta' l-20 ta' April 2016; liema somma ghandha tizdied kull sena fl-anniversarju ta' din is-sentenza skond iz-zieda fl-indici ta' l-gholi tal-hajja, u jibqa' jithallas anke wara li l-minuri jaghlaq 18-il sena jekk

jibqa' jistudja *full-time*, u dan sakemm jaghlaq 23 sena jew meta jtemm l-istudji tieghu fuq bazi full-time skond liema cirkostanza tavvera ruhha l-ewwel. Kwalunkwe allowance tat-tfal u beneficcji ohra tal-minuri ghandhom jigu percepiti mill-omm.

Jirrizulta wkoll illi l-konvenut naqas ripetutament milli jhallas il-manteniment li ordnat ihallas skond id-digriet *pendente lite* u, skond id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici datata 23 ta' Ottubru 2017, l-arretati tal-manteniment sal-lum jammontaw ghas-somma komplessiva ta' €1,800. Jigi osservat li l-konvenut, minkejja li nghata terminu biex jipprezenta nota responsiva ghall-imsemmija nota ta' l-attrici, naqas milli jaghmel dan. Fic-cirkostanzi, u fin-nuqqas ta' kontestazzjoni tal-konvenut, il-Qorti ghalhekk tqis illi l-arretrati tal-manteniment indikati mill-attrici huma dovuti u tordna lill-konvenut illi jhallas lill-attrici l-imsemmija somma ta' €1,800.

Ferm il-premess, il-Qorti tordna wkoll illi ghall-finijiet tar-raba' talba ta' l-attrici, il-manteniment ordnat f'din is-sentenza jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qligh tal-konvenut, mill-impieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien.

Finalment, b'referenza ghall-hames talba attrici li permezz taghha l-attrici talbet il-likwidazzjoni ta' ammont li jirrapprezenta l-ispejjez li nefqet ghat-trobbija tal-minuri sa minn mindu twieled, il-Qorti tinnota li l-attrici baqghet ma ressqet ebda prova in sostenn tal-pretensjoni taghha, u ma ghamlet ebda sottomissjoni biex tikkonvinci l-Qorti dwar il-fondatezza legali ta' din it-talba. Fic-cirkostanzi, il-Qorti tqis illi filwaqt li lanqas tista' tillikwida xi kumpens *arbitrio boni viri* stante n-nuqqas assolut ta' provi fir-rigward, hija tal-fehma li f'kull kaz it-talba mhux gustifikata.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu mhux kompatibbli ma' dak hawn deciz:-

1. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba ta' l-attrici u tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri L R X, tkun fdata esklusivament f'idejn ommu l-attrici Z X bil-kondizzjonijiet elenkati supra taht l-intestatura "*Kura u Kustodja u Access ghall-Minuri*";

2. Tichad f'dan l-istadju it-tieni talba ghal decizjoni dwar granet u hinijiet ta' access tal-konvenut ghall-minuri taht supervizjoni ta' l-Agenzija Appogg, ghar-

ragunijiet u skond kif imfisser supra taht l-intestatura "*Kura, Kustodja u Access ghall-Minuri*";

3. Tilqa' t-tielet talba billi tordna li b'effett mil-lum il-missier ihallas lill-omm bhala manteniment ghall-minuri, is-somma ta' mitejn u hamsin Euro (€250) fix-xahar liema somma tinkludi l-ispejjez ordinarji tas-sahha u medicina kif ukoll l-ispejjez kollha ta' l-edukazzjoni u attivitajiet estra-kurrikulari tal-minuri, b'dan illi l-manteniment *pendente lite* ghandu jibqa' regolat bid-digrieti *pendente lite*. Il-manteniment hawn stabbilit jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u jibqa' jithallas anke wara li l-minuri jaghlaq 18-il sena jekk jibqa' jistudja full-time u dan sakemm jaghlaq 23 sena jew item l-istudji full-time tieghu, skond liema avveniment isehh l-ewwel. Tordna wkoll lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf u tmien mitt Euro (€1,800) rapprezentanti l-arretrati ta' manteniment dovuti sat-23 ta' Ottubru 2017, kollox skond kif ordnat supra taht l-intestatura "*Manteniment tal-Minuri*" bl-imghax legali b'effett millum sad-data tal-effettiv pagament.

4. Tilqa' r-raba' talba kif dedotta;

5. Tichad il-hames talba;

6. Tilqa' s-sitt talba fis-sens deciz supra taht l-intestatura "*Kura u Kustodja u Access ghall-Minuri*".

L-ispejjez kollha ghandu jhallashom il-konvenut esklussivament inkluzi l-ispejjez tas-sessjonijiet ta' terapija professjonali li ghandu jattendi ghalihom l-istess konvenut, u l-ispejjez kollha relatati mal-perizja kondotta mill-Psikologa Klinika Carmen Sammut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**